MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tal-14 ta' Diċembru, 2017

Rikors Numru 431/16LM

**HSBC Bank Malta p.l.c. (C 3177)**

***vs.***

**a) Phone Direct Limited (C 27107)**
**b) Carmelo Galea detentur tal-karta tal-identità numru 413634M**
**ċ) B'digriet tas-17 ta' Awwissu 2016 ġew maħtura l-Avv. Dr Noel Bartolo u l-P.L. Alison Wadge biex jirrappreżentaw l-eredità ġjaċenti ta' Galea Violet (li kellha karta tal-identità numru 440935M)**
**d) Galea Raymond detentur tal-karta tal-identità numru 221858M**
**e) Galea Catherine detentriċi tal-karta tal-identità numru 22057M**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ippreżentat fit-30 ta' Mejju, 2016 mis-soċjetà rikorrenti **HSBC Bank Malta p.l.c.** (minn issa 'l quddiem "is-soċjetà rikorrenti"), *ai termini* tal-

artikolu 258 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta u maħluf mill-P.L. Catherine Fenech għan-nom u in rappreżentanza tal-istess soċjetà rikorrenti, li jgħid:

*Illi permezz ta' kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu fl-atti tan-Nutar Dottor Anthony Grech Trapani datat 30 ta' Ġunju, 2009 (Dok. 'HSBC 1'[1]) Phone Direct Limited bħala soċjetà debitriċi prinċipali flimkien mad-debituri l-oħra Carmelo Galea, Violet Galea (illum mejta), Raymond Galea u Catherine Galea ikkostitwew ruħom debituri tal-Bank ai termini tal-kuntratt suċċitat;*

*Illi wara li saru diversi pagamenti, l-intimati baqgħu debituri tas-soċjetà rikorrenti u għaddew iżjed minn ħames snin mid-data tal-istess kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu u s-soċjetà rikorrenti qiegħda titlob l-awtorizzazzjoni skont l-artikolu 258 tal-istess Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12) tal-Liġijiet ta' Malta sabiex teżegwixxi dan l-istess titolu fil-konfront tal-intimati kollha għall-bilanċ li għadu dovut;*

*Għalhekk is-soċjetà rikorrenti previa kull dikjarazzjoni u provvediment opportun, titlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti tawtorizza lis-soċjetà rikorrenti tgħaddi għall-esekuzzjoni tal-istess titolu eżekuttiv fuq imsemmi stante li għaddew iżjed minn ħames snin mid-data tal-istess kuntratt u li d-dejn għadu mhuwiex saldat kollu u dan ai termini tal-Artikolu 258 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta minn fejn jirriżulta li r-rikorrent għandu: "jikkonferma bil-ġurament ix-xorta tad-dejn...li jkun l-esekuzzjoni tagħha u li d-dejn jew parti minnu jkun għadu dovut.*

Rat id-digriet ta' din il-Qorti kif diversament preseduta tas-17 ta' Awwissu, 2016 fejn ġew nominati bħala kuraturi deputati l-Avv. Dr Noel Bartolo u l-P.L. Alison Wadge biex jirrappreżentaw l-eredità ġjaċenti ta' Violet Galea.

Rat ir-Risposta tal-Avv. **Dr Noel Bartolo** u **l-P.L. Alison Wadge** fil-kwalità tagħhom ta' kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lill-eredità ġjaċenti ta' Violet Galea, li ġiet ippreżentata fl-10 ta' Ottubru, 2016, li biha eċċepew:

---

[1] *A fol.* 3 sa 7.

*1. Illi f'dan l-istadju l-esponenti mhux edotti mill-fatti u għalhekk jirriżervaw li jippreżentaw risposta ulterjuri meta u jekk jirnexxielhom jikkomunikaw ma' familjari tal-mejta Violet Galea li kellha K.I. 440935(M) u f'dan ir-rigward minn issa jitolbu lir-rikorrenti tipprovdilhom kull informazzjoni li jista' għandha dwar kull mezz ta' komunikazzjoni mal-istess.*

*2. Illi fi kwalunkwe każ ir-rikorrent irid jipprova l-każ tiegħu skont il-Liġi, b'mod partikolari l-kreditu vantat u jrid jagħti rendikont sħiħ dwar il-ħlasijiet kollha effetwati u l-bilanċ allegatament dovut.*

*3. Illi l-bank attur irid iġib il-prova tat-titolu tiegħu fil-konfront tal-eċċipjenti noe.*

*4. Illi di più l-bank attur irid jipprova illi Raymond Galea kien awtorizzat jidher għan-nom ta' Violet Galea li kellha K.I. 440935(M) fuq il-kuntratt tat-30 ta' Ġunju, 2009 u li jekk kien hekk awtorizzat huwa żamm mal-parametri tal-mandat talvolta konċess lilu u ma eċċediex l-istess.*

*5. Salvi, jekk ikun il-każ, eċċezzjonijiet ulterjuri.*

Rat ir-Risposta tal-intimati **Raymond Galea** u **Catherine Galea** (minn issa 'l quddiem "l-intimati konjuġi Galea"), li ġiet ippreżentata fit-23 ta' Diċembru, 2016, u maħlufa minn Raymond Galea, li biha eċċepew:

*1. Illi t-talbiet tas-soċjetà rikorrenti qed tiġi opposta limitatament għall-ammont li għadu dovut u dan billi diversi ħlasijiet diġà saru u l-ammont indikat m'għadux kollu dovut.*

*Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri tal-intimati.*

Rat il-verbal tas-seduta tal-1 ta' Marzu, 2017 fejn għad illi s-soċjetà intimata **Phone Direct Limited** (minn issa 'l quddiem "is-soċjetà intimata") kienet debitament notifikata bir-rikors promotur, ma ppreżentat ebda risposta entro

t-terminu mogħti mill-Qorti u għalhekk tqieset li kienet kontumaċi għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi.

Rat illi l-intimat **Carmelo Galea** għad illi kien ġie debitament notifikat bir-rikors promotur, ma ppreżenta ebda risposta entro t-terminu mogħti lilu mill-Qorti u għalhekk għandu jitqies li hu kontumaċi.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti in atti.

Semgħet ix-xhieda prodotti mill-partijiet.

Rat il-verbal tal-udjenza tat-18 ta' Ottubru, 2017 fejn il-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza.

Il-proċeduri odjerni saru ai termini tal-artikolu 258(ċ) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta biex jiġi reż eżegwibbli mill-ġdid, wara l-għeluq ta' ħames snin, titolu eżekuttiv[2] li jikkonsisti f'kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu fl-atti tan-nutar Dottor Anthony Grech Trapani datat 30 ta' Ġunju, 2009[3], minħabba li sal-lum għad hemm bilanċ li għadu dovut lis-soċjetà rikorrenti mill-intimati, kif ikkonfermat fir-rikors promotur bil-ġurament tal-P.L. Catherine Fenech, rappreżentanta tas-soċjetà rikorrenti.

Filwaqt li d-debitriċi prinċipali, is-soċjetà intimata Phone Direct Limited u l-intimat garanti *in solidum* Carmelo Galea ma ppreżentaw ebda risposta għar-

---

[2] Skont l-artikolu 253 (b).
[3] *A fol.* 3 sa 7.

rikors promotur, l-intimati Raymond u Catherine konjuġi Galea eċċepew li mhux l-ammont kollu mitlub mis-soċjetà rikorrenti huwa dovut *stante* d-diversi ħlasijiet li diġà saru. Min-naħa tagħhom il-kuraturi deputati għall-eredità ġjaċenti tal-mejta Violet Galea qegħdin jeċċepixxu li s-soċjetà rikorrenti trid iġġib prova tal-kreditu vantat u tal-ħlasijiet li saru u l-bilanċ allegatament dovut, u trid iġġib prova tat-titolu tagħha fil-konfront tal-eredità ġjaċenti konvenuta u prova li Raymond Galea kien aworizzat jidher għall-istess Violet Galea fil-limiti li rabatha bil-kuntratt.

**Kunsiderazzjonijiet legali**

Illi din hija proċedura għall-infurzar ta' titolu eżekuttiv li jikkonsisti f'kuntratt pubbliku ta' kostituzzjoni ta' debitu fl-atti tan-nutar Anthony Grech Trapani fit-30 ta' Ġunju, 2009 fejn is-soċjetà intimata Phone Direct Limited bħala soċjetà debitriċi prinċipali flimkien mad-debituri l-oħra Carmelo Galea, Violet Galea (illum mejta), Raymond Galea u Catherine Galea kkostitwew ruħhom debituri tas-soċjetà rikorrenti ai termini tal-kuntratt suċċitat. Wara li saru diversi pagamenti, l-intimati baqgħu debituri tas-soċjetà rikorrenti u għaddew iżjed minn ħames snin mid-data tal-imsemmi kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu u s-soċjetà rikorrenti qiegħda titlob l-awtorizzazzjoni skont l-artikolu 258 tal-Kap. 12 sabiex teżegwixxi dan it-titolu fil-konfront tal-intimati kollha għall-bilanċ li għadu dovut.

L-artikolu 258 tal-Kap. 12 jirregola l-kwistjoni fejn il-liġi tagħti l-fakoltà lil min ikollu titolu eżekuttiv li jgħaddilu ż-żmien li fih tista' ssir l-eżekuzzjoni tiegħu, li tali titolu jista' jiġi ravvivat b'din il-proċedura.[4]

Illi skont l-artikolu 258 tal-Kap. 12, meta jkunu għaddew ħames (5) snin minn meta kuntratt riċevut minn nutar pubbliku dwar kreditu ċert, likwidu u dovut (li jikkostitwixxi titolu eżekuttiv skont l-artikolu 253(b) tal-Kap. 12) seta' ġie infurzat, l-infurzar tat-titolu eżekuttiv jista' jsir biss wara rikors quddiem il-Qorti kompetenti u wara li l-kreditur jikkonferma bil-ġurament (i) ix-xorta tad-dejn jew tat-talba li jkun qed ifittex l-eżekuzzjoni tagħha u li (ii) id-dejn għadu dovut kollu jew parti minnu. Fil-każ preżenti, il-ħames snin għaddew u saret il-konferma bil-ġurament mis-soċjetà rikorrenti li għad li saru xi pagamenti mill-intimati, parti mid-dejn għadu dovut.

Illi l-imsemmi artikolu 258 tal-Kap. 12 huwa espressament maħsub biex jirregola l-eżekuzzjoni ta' titoli eżekuttivi li jkun għadda minn fuqhom iż-żmien minn meta setgħu jkunu eżegwiti. Dan huwa hekk għaliex kull titolu eżekuttiv għandu ħajja limitata u determinata sa meta tista' ssir l-esekuzzjoni tiegħu. Wara li jgħaddi ż-żmien preskritt, tista' titħaddem il-proċedura msemmija fl-artikolu 258 tal-Kap. 12.

Illi fid-dawl ta' dak kollu li jissemma qabel, il-Qorti ssib li s-soċjetà rikorrenti seħħilha turi li jeżistu l-kundizzjonijiet kollha maħsuba mil-liġi biex it-talba tagħha tista' tintlaqa'. Ladarba jkunu għaddew l-ħames snin minn dakinhar meta skont il-liġi l-kuntratt seta' jiġi eżegwit, ikun ġie ppreżentat il-kuntratt pubbliku bħala konferma tax-xorta tad-dejn jew tat-talba u jkun ġie ddikjarat

[4] **HSBC Bank Malta p.l.c. *vs.* Avv. Martin Fenech *et noe,*** P.A., 17.04.2013

bil-ġurament mill-kreditur li d-dejn għadu ma tħallasx kollu, ir-rekwiżiti prefissi mil-liġi jkun ġew sodisfatti għax din il-proċedura mhijiex intiża biex jiġi kanonizzat xi bilanċ partikolari, iżda biex testendi l-eżegwibbilità tal-kuntratt pubbliku.

Kwantu għall-eċċezzjonijiet imqajma mill-intimati, fid-deċiżjoni fl-ismijiet **HSBC Bank Malta p.l.c. vs John Dalli *et***[5]*,* kien ingħad:

> "Illi minn dan jidher li l-uniku eżami li għandha tagħmel l-istess Qorti għall-akkoljiment tal-istess rikors huwa biss li tindaga u taċċerta ruħha dwar l-esistenza tal-istess titolu eżekuttiv, u li l-ammont hekk kanonizzat jew parti minnu huwa dovut, u dan tramite l-konferma bil-ġurament tal-istess rikorrenti. Fil-fatt xejn iżjed ma huwa rikjest skont l-istess artikolu, lanqas in-notifka lill-kontro-parti, u wisq inqas li l-istess rikors jiġi appuntat għas-smigħ."

Illi kwantu għall-eċċezzjonijiet imressqa mill-intimati konjuġi Galea u mill-kuraturi deputati għall-intimata eredità gjaċenti ta' Violet Galea, tqis illi dawn l-eċċezzjonijiet ma għandhom ebda validità f'dawn il-proċeduri, għax kif ingħad fid-deċiżjoni **Emmanuele Falzon *pro et noe vs.* Joseph Vella**[6]**,** li kieku l-Qorti kellha taċċetta li l-intimati jiħallew iqajmu eċċezzjonijiet fil-meritu, tkun qiegħda tiftaħ il-bieb għall-abbużi fis-sens li l-intimati jingħataw l-opportunità li jtawlu l-proċeduri kontrihom.

[5] P.A., 18.04.2002.
[6] Q.A., 05.10.1988.

**<u>Decide</u>**

**Għal dawn il-motivi, tawtorizza lis-soċjetà rikorrenti tgħaddi għall-esekuzzjoni tat-titolu eżekuttiv fuq imsemmi għall-bilanċ li għadu dovut mill-intimati, stante li għaddew iżjed minn ħames snin mid-data tal-imsemmi kuntratt u d-dejn għadu mhuwiex saldat kollu u dan ai termini tal-artikolu 258 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, bl-ispejjeż kontra l-intimati.**

Moqrija.